MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1626/2002

**Avviz Numru 1626/02 AJD**

**Public Broadcasting Services Limited**

**vs**

**Jerry Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Lulju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u tmienja u tletin lira Maltin (Lm138.00) rappresentanti prezz ta' servizzji ta' reklamar rezi lill-konvenut fuq il-mezzi tax-xandir tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

| |
|---|
| Sema' x-xhieda ta' Dr. Jacqueline Borg in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. |
| |
| Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u tmienja u tletin lira Maltin (Lm138.00) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv. |
| |
| L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi. |
| |
| |
| |
| **Avukat Dr. Audrey J. Demicoli** |
| **Gudikatur.** |

--------------------------------TMIEM--------------------------------